# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju 2001**

**Numru 9**

**Avviz. numru 1635/97mm**

**Anthony Fabri ghall-Untours Insurance (Agents & Brokers) u din ghall-Qatar Insurance kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghhom, bil-ligi u bil-polza, Paul Brian Farrugia**

**vs**

**Pawlu Abdilla**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-attur nomine fil-5 ta' Awissu 1997 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-istanti s-somma ta' Lm228.50c (jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti occorrendo bl-opra ta' periti nominandi) danni li hu kellu jaghmel fronti ghalihom (minhabba comprehensive policy of insurance) favur Paul Brian Farrugia u dana in segwitu ghal incident stradali li gara r-Rabat fit-18 ta' April 1996 bejn Skoda

numru W 1975 misjuq minn Paul Brian Farrugia u truck Iveco numru M 2347 misjuq mill-konvenut. Prevja dikjarazzjoni li huwa kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba mperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez komprizi Lm11.50 ta' ittra bonarja u konsult, dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 1997. Bl-imghax minn notifika ta' dana l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi nonostante n-notifika tieghu l-konvenut baqa' kontumaci u qatt ma deher biex jaghti x-xhieda tieghu f'din il-kawza anke meta din il-kawza kienet appuntata proprju ghal dan l-iskop.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:-

Illi rrizulta mill-provi illi l-assigurat tas-socjeta' attrici Paul Brian Farrugia kien qed isuq il-karozza Skoda Favorit bin-numru tar-registrazzjoni W 1975 M fi Triq il-Buskett ir-Rabat fit-18 ta' April 1996 ghal habta tat-8:30a.m.

Meta wasal fil-kantuniera ma' Inguanez Street fid-direzzjoni tas-Saqqajja, ra truck kbir gej mill-faccata u ghalhekk dana gibed lejn ix-xellug bir-roti jhokku mal-bankina u waqaf sabiex jaghmel spazju ghal din il-vettura biex tghaddi.

Din il-vettura li kienet bin-numru M- 2347 tal-marka Iveco kienet misjuqa mill-konvenut li rrikonoxxa l-gest ta' Farrugia b'sinjal u

dana ghadda minn magembu. Gara pero' illi minkejja l-prekawzjonijiet illi ha Farrugia l-vettura misjuqa mill-konvenut, hakket mal-gemb tal-karozza ta' Farrugia b'tali mod illi gew ikkawzati danni. Il-konvenut nizel mill-vettura tieghu, skuza ruhu ma' Farrugia u qal illi t-tort huwa tieghu.

Farrugia ghamel rapport lill-kumpanija assikurattrici tieghu illi minhahha taghha baghtet *surveyor,* ipprocessat il-claim u hallset ghat-tiswijiet tal-karozza ta' l-assikurat. Gie esibit f'dawn l-atti a fol 29 prospett ta' danni reklamati mis-socjeta' attrici konfortati bid-dokumenti hemm esibiti.

Ikkunsidrat:-

Illi minkejja n-nuqqas ta' prezenza tal-konvenut il-Qorti jidhrilha illi s-socjeta' attrici gabet provi bizzejjed biex tiggustifika t-talba taghha ghar-risarciment tad-danni minnha subiti. Il-Qorti ma tista ssib xejn x'ticcensura fil-konfort tas-sewqan tal-assikurat Paul Brian Farrugia. Dana agixxa b'mod prudenti hafna u minkejja li kien jaf li kien ghaddej minn triq dejqa, fejn allura kellu joqghod ferm aktar attent, ghamel l-aktar haga rakkomandabbli f'cirkostanzi bhal dawn u cioe' illi jaghfas kemm jista jkun lejn ix-xellug sabiex ihalli l-vettura aktar kbira tghaddi bil-mod minghajr ma jigu kkawzati danni. Il-fatt illi dawn gew ikkawzati, zgur li mhuwiex dovut ghal xi operat da parti ta' Farrugia. Kien il-konvenut li kkalkola hazin, barax il-gemb tal-karozza ta' Farrugia u kkawza d-danni reklamati fl-avviz. Evidentement il-konvenut ma kienx qed izomm *a proper look out* minkejja li kellu l-opportunita' kollha li giet moghtija lilu minn

Farrugia sabiex jiehu dawn il-prekawzjonijiet u b'mod traskurat ma tax kaz id-distanzi li kien hemm u b'hekk barax il-karozza misjuqa minn  Farrugia.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur nomine u filwaqt li tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghal dan l-incident illi gara fit-18 ta' April 1996 f'Buskett Road, Rabat, bejn il-karozza W 1975 misjuqa minn Paul Brian Farrugia u truck Iveco numru M 2347 misjuq mill-konvenut u dana minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine fis-somma ta' mitejn u tmienja u ghoxrin lira u hamsin centezmu (Lm228.50c) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur nomine dan l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut.

Anthny Zammit

Dep Reg